

# Dick flok Dicky

## Is-Sur Lino Psaila - Rakkont bid-Djalett Żejtuni

Kulmin jufni, juf tajjeb li minn ċkuniti kelli, u għod għandi għal qalbi l-beħer, mhewx minħebbe sajd u l-ħewt bess, imme għal kull ħuġa li tmess miegħaw, minn rizze u mħura sa vapowr tal-gwerre u tant ħwejjeġ oħra marbuta miegħaw li jsaħħrowk u nintilef naqra fuwqhom - daqqa kif għareq duk il-vapowr, u oħra fejn jgħammar il-kelb il-beħer, kif jitrabba l-qroll u l-vjaġġ li ma jitwemmenx tal-salamowr u s-sallowr.

Ktieb illewm u ieħor għade, ġejt għandi libririje żgħajra b'kutba kullha jmissu mal-beħer u ġrajjietu. Intlejt bil-kutba u m'għandix fejn indowr. Inħubbhom u marridx nitlef xi wieħed minnhom, għax żgowr jiddispjiċini daqs mite tleft lil ummi u lil missieri. Allura nindukruhom u nibża' għalihom kemm nista'. Imme darba fost l-oħrajn Lieli, it-tifel tiegħaj qalli: "A missier, għandek kumpjuter, għax ma ddaħħalx l-internet u ssib infurmazzjúni li trid foq il-beħer, tiffranka li toqgħod tqelleb il-kutba, u foq kullox ma toqgħodx tħebbel rusek fejn sa tpuġġihom." Ngħajd is-sewwe għoġbitni din tal-internet, għax xa ħuġa bl-Ingliż inċekċek. Vieru li kemm kemm nidubba tu, imme bejn li naqra naqa mhewx ħeżin, u bejn mite niġi biex nikteb xi ġiex kilmiet, ma niġi bżonn ħedd, għadt mele bl-internet għandi nimxi xurta waħde bħelma miexi issa, u fursi eħfef u aħjur ukoll, imme rrid nippruva u nura biex nkewn ċert. U hekk għamelt. Għadt lit-tifel biex jirranġuli kullox u f'inqas minn sebat ijiem ġew għamluli duk li kien hemm bżonn. Bħel kull ħuġa oħra ġdide, għall-ewwel bdejt ingerfex sħiħ. Mite bdejt nippruva nfittex xa ħuġa, sebt li kien hemm min irid ibieħli l-Viagra, u jibqgħaw jgħajduwli, tu, avulja ngħajdilhom li għalissa m'għandix bżunnha. Kien hemm min ried idaħħalni fix-xirke li kien fihe hew, biex inkewn nista' nura hekk u hekk, insumma b'dun l-internet tista' tura li trid, minn Santa Rita sa Bridget Bardot liebse il-libse tat-twilid. Mite ġejt biex nikteb xa ħuġa f'dun l-internet, kien hemm min jgħajdli grazzi, u min jibgħatni 'l-hemm u 'l haw. Imme issa dunni drajt mhewx ħeżin, għalkemm għodni ngerfex xi ftit, u emmnuni li ma nixba' qatt infittex xi ħute jew xi vapowr partikuluri. U vapowr partikuluri kien il-kaġown li l-mara tiegħaj ma kellmitnix għal ħmistux-il ġurnuta sħuħ u ma ntijhiex tort sa barra. U dun li sa nirrakkunta, u ara ma teħsbewx li sa ngħajd xa ħuġa li mhix f'pusta, tu, ghax kulma sa ngħajd hew kullu vieru u bil-kemm kemm mhewx nibki redt u mhewx nidħek. U ta' min, li min għandu t-tful żgħor joqgħod naqa ettent u ma jħellihomx weħidhom jilagħbu bl-internet, li ma jmurrowx innuċintiment jiktbu xi kilme u t-tifsire tegħhe tkewn għal kullox il-kuntra ta' xi ħuġa oħra umbagħad jibqa' jiddispjeċijkom għomurkom kullu għal ftit ettenzjúni li tkewnu stajtu għamiltu minn qebel. Darba fost l-oħrajn tlajt il-pjazza tar-reħel biex immowr il-Hirbe naqta' xagħri għand Ġuvann jew Nenu, ulied Dwardu l-berbier. Dukunhur inzirte li ġu kien hemm xi erbgħa min-nies sew, u minn teħt l-ilsien għadt: "Haw għandi sa xi lufsinhur! Aħjur ma ġejt xejn illewm. Nitleq u niġi darb'oħra." Billi jafuni sewwe, kif irfest l-għatbe tal-bieb ta' barra, Nenu qul: "Ara x'qala' l-beħer, wasal Psaila, is-sejjied tagħne." Kif dħalt 'il ġewwe iżjed u rajt dawk in-nies kullha kont ġu dort lura biex nitleq

lejn id-dur, mite Nenu qalli: "Mele ġu sejjer? Ent għal xagħrek ġejt?" "Kieku biex taqtagħli xagħri ġejt," għadtlu jien, waqt li kumplejt, "imme għandi naqa x'nagħmel, u l-aħjur immowr u niġi darb'oħra." "U ogħqod haw, kemm ħa ndewmu biex inlestewk." U vieru, għaliex duk il-ħin stess qumu tnejn li kien hemm foq il-pitruni u flukom daħlu tnejn oħra. Keffnuwhom b'żewġ lużor żgħor, jew kif jgħajdulhom hume, xigamuni bujod qutna. Lil wieħed minnhom Nenu qabad jufroqlu xagħru bil-moxt u jzekzek l-imqass, u l-ixkupilje fil-bewt ta' wara tal-qelziet, u kultant ħin juzuha biex ifarfar ix-xagħar ħelli jkewn jista' juwża l-mugna tad-dawl. Imme duk li nzirte foq il-pitrewne ta' ħowħ Ġuvann kien għal-leħje u Ġuvann qabad il-ferle, li hij biċċe njuma tal-balsa xi pied towl u żewġ pulzieri wiesgħa, dellikhe bil-pasta tal-karburandu, feteħ il-mews u ħekku tnejn jew tlitt darbiet fuwqha. Wara ħekku darbtajn jew tlitt darbiet oħra foq iċ-ċinge tal-ġeld li kellu mdendle kwużi mal-pitruwne. Ftit wara qabad jissapnuh u f'kemm ili ngħajd, ġublu wiċċu lexx iktar minn ħġieġe. Mite rajt dik il-ħiffe kullha, bqajt hemm għax ħsebt li ma ndewmx biex neħles, billi tessew kelli x'nagħmel. Billi hume wkoll, bħelma kwużi juf ir-reħel kullu, jufu li jiene dilittant tal-beħer u tal-vapuri, spiċjelment dawk tal-gwerre, tant li mill-ewwel qabdu d-diskors foq hekk, u kilme iġġib il-oħra, u bqajna sejrin lura lejn it-tieni gwerre dinjije, mite Ġuvann, Alla jeħfirlu, u ftit ilu ħelliene Nenu wkoll, qalli: "A Lijnu, agħmlilne pjeċijr, ura naqa mite tkewn qiegħad tfittex xi vapowr, issibilnix xi tagħrif foq il-vapowr li kien għareq fuwqu n-nannu?" "Iwa", għadtlu jien, "imme trid tgħajdli x'jismu l-vapowr." U Nenu, waqt li baqa jzekzek l-imqass foq duk li kien qiegħad jaqtagħlu xagħru qalli: "U mele le!" U wara kumpla jgħajdli: "Jekk ma niżbaljux Dicky Mc.Gregor kien." Għadtlu: "Tieħu ħsieb xejn, għax kif ikulli naqa ħin infittixhulek żgowr." Dun l-imbierek vapowr insejtu għal kullox, u wara xi ġimgħa Ġuvann ċempilli u qalli: "Lijn, sibthulne l-vapowr tan-nannu?" "Leq, insejt, imme ħa nfittxu issa stess." wiġibtu jien. Kumbinazzjúni, jew kuindiċenze, kif jgħajdulhe xi wħewd illewm, kunna ħirġin, sejrin għand it-tifel, u lil mara għadtilhe: "Hijja, stenne kemm kemm oħra sakemm insib il-vapowr ta' Ġuvann il-berbier." "Kullox sew", qaltli, "imme ddewmx għax it-tifel qiegħad jistenniene u jekk induwmu żgowr jieħu ħsiebne." Xgħalt il-kumpjuter u qbadt infittex Dicky Mc.Gregor u kull darba jgħajdli no results. Għadt, mele ġibduwli sieqi Nenu u Ġuvann. Arġajt ippruvajt Mc.Gregor u ħerġu miljewn u iktar ta' ismijiet Skuċċiżi, u ibde vapowr b'duk l-isem. Haw ħbat naqta' qalbi, għax bejn idejjeqt infittex għalxejn, u bejn għax il-mara qiegħde tistennieni u minn ħin għal ħin tgħajjatli biex ninżel ħelli mmurru. Għadt mele tal-aħħar u daqshekk, u bil-fixle għandu jkewn flok Dicky ktebt Dick u f'daqqa waħde, ħijja, foq il-kumpjuter ġie biċċe ta' ruġel fih daqs kantuniere, liebes bess il-libse tat-twilid u jurina l-gear lever. Jien bqajt ħalqi miftewħ. Mal-ħin daħlet il-mara, u x'ħin rut x'kien hemm foq it-television, jew kif jgħajdulu, moniter qabdet tgħajjarni: "A meħmewġ, duk il-vapowr li qiegħad tfittex? Ma tistħix minn Alla li ħalqek? Meħmewġ! Mowr ubsor għalik ħej!" "Il-Madunna madunna, m'hawnx għalije x'biċċe ġrutli," għadt jien imbikkem. U anki bdejt qisni nistħi minni nnifsi, avulja kont innuċent għal kullox u minix xi wieħed minn dawk li nilgħabhe ta' xi qaddis u niskanldalizze rewħi biex nimpressjuna lil xi ħedd u xurta nagħmel li jeqbilli. Imme xurta waħde redt li tinfeteħ l-art u tiblagħni, daqs kemm stħejt mill-istess mara tiegħaj. Narġa' ngħajd tu, minix xi qaddis, u laqqas qatt kont, imme laqqas jien xi wieħed li jien miġbewd lejn dawn l-affarijiet, avulja in-natura ħalaqha Alla, u trid tbaxxi rusek għalihe. Għalxejn, jaħasra, ippruvajt infissrilhe, għax ma riedet temminni b'xejn u ffastidjut rewħhe

**Ikompli ...**

sewwe. Sa barra ma ngħajdx li ma kellhiex raġown, tu, imme lili x'tort ittini jekk l-Amerikuni lil gear lever jgħajdulu dick. Għamilne iktar minn ħmistux ma nitkellmewx, mite darba fost l-oħrajn kunna bilqiegħde barra foq l-għatbe u tfaċċa Ġuvann għaddej jippasiġġa bil-kelb, jew kelbe, x'kienet, u bl-ikbar innuċenze qalli: " Kemm ent ruġel, Lijn, f'nofs siegħa sibthuli l-vapowr tan-nannu!" "Kont sa ngħajdlek xi nsiblek, u ara jfettilek tarġa' tindriguni għal xa ħuġa oħra bħel din, tu!" Ġuvann ukoll ħabat sa jiffastidja rewħu u staqsieni x'ġara. Mite għadtlu, inteleq fl-art jidħek u ma sata' jżummu ħedd, għax laqqas il-kelb ma feleħ iżomm, għax teleqlu wkoll.

U hemmhekk emmnitni l-mara u rut li tessew kont innuċent u vieru vapowr kont infittex dukunhur. Imme, ħej, ma jien sa narġa' qett nissugra nikteb dick, għax ma rridx nura gear-levers u rrid noqgħod ettent ħefne u ħefne iżjed li ma mmowrx infittex xi vapowr b'isem femminili bħel Katy Brovig jew xi Maria Candelaria u flok gear-lever nura xi maxtura.



***L-aħwa Nenu u Ġovann Busuttil, ulied Dwardu l-berbier.***


Zunga

DVD Rentals, Games & Music

We Repair all sorts of;




How to find us;

38 Misrah Gregorio Bonnici Zejtun

(Next to the Parish Church of St Catherine)




Best Prices on Playstations/Xbox Consoles and Games

Tel: 21894858

Mob: 77894858/79967589

# Summer Bar

## Pizzeria & Take Away

**Contact Jesmond Quirolo,**
**Mob: 99399799**
**OPEN ALL DAY**
**from 10am till night,**
**Live Sports,**
**Bar and Restaurant and Appetizers Served,**
**Ramla, M'Scala**

